


# IL-MUŻEW TA' L-ISTORJA NATURALI

(id-Disa` Parti)

## IT-TAJR

It-tjur huma l-uniċi annimali li għandhom ir-rix. It-tajr kollu għandu ir-rix u l-biċċa l-kbira minnu jista` jtir. Huwa l-fatt li huma għandhom ir-rix u mhux l-abilta` li jtiru, li jagħżel l-għasafar minn annimali oħra - x'uħud mit-tajr m'għandux l abilita` li jtir (bħalma huma l Pingwin u n-Nagħma) filwaqt li hemm annimali oħra li kapaċi jtiru imma m'humiex tajr, bħall-insetti u l-friefet il-lejl.

L-għasfur huwa annimal li jieħu l-arja, li għandu s-sinsla u li għandu demmu sħun. Dan l-annimal għandu par ġwienaħ li bihom itir jew jgħum u par saqajn li bihom jimxi, jgħum, jitperreċ jew jaħtaf. Għalkemm l-għasfur għandu s-sens tas-smigħ qawwi ħafna, ma jidher li għandu l-ebda widna minn barra. Huwa jnissel billi jbid bajda jew aktar b'qoxra iebsa, u li ġeneralment iżommhom f'bejta.

Jeżistu madwar 9000 speċi ta' tajr fid-dinja. Huma jvarjaw fil-kobor tagħhom, u hekk insibu n-Nagħma li tikber sa għoli ta' żewġ metri u nofs u tiżen sa madwar 135 kilogrammi, u nsibu wkoll l-iżgħar għasfur bħalma hu l-*Hummingbird* (għasfur li fit-titjir iżanżan bi ġwenħajh) li jikber biss madwar ħames ċentimetri u jiżen inqas minn 29 gramma. It-tajr jinsab fuq il-wesgħat tas-silġ fl-Arktiku u fl-Antarktiku, fil-foresti tropikali, fuq l-għoljiet niexfa u fuq l-għaram tar-ramel fid-deżert, fuq il-qċaċet għolja tal-muntanji, fil-pjanuri ħadrana, fil-geġwiġija tal-bliet u fuq l-ibħra mmensi tal-oċejani, eluf ta' kilometri 'l bogħod minn kull art. Ma hemmx parti fid-dinja li fiha qatt ma għexet xi speċi ta' għasafar.

L-akbar tjur huma l-aktar li jgħixu, bħalma huma n-Nagħma (l-akbar għasfur li jeżisti u għandu stonku li kapaċi jsajjar saħansita l-ġebel), l-Ajkla u ċ-Ċawlun. Dawn it-tjur jgħixu għal għaxriet ta' snin. Huwa fatt li bosta għasafar jgħixu aktar fil-kaptivita` fil-gaġġeġ milli fil-miftuħ.

## Il-ġisem ta' l-għasfur

*L-iskeletru*

L-għadam ta' l-għasfur għandu bosta ħofor mimlija bl-arja li jagħmilhom ħfief. L-għasafar li għandhom l-iskeletru tqil m'għandhomx l-abilta` li jtiru u jgħixu fuq l-art bħalma huma n-Nagħma u r-Rea (għasfur ta' l-Amerika t'Isfel bi tliet iswaba, li aktar jiġri milli jtir). L-isfel mir-ras, qrib l-għonq, insibu par ġwienaħ li jintużaw kemm biex itiru u kemm biex jgħumu u għandhom tliet iswaba. Is-sabgħa l-werrej huwa l-uniku wieħed li huwa żviluppat. Miegħu hemm ir-rix primarju kbir li jintuża fit-titjir. Is-sabgħa l-kbir, li jikkonsisti f'għadma żgħira ħafna, hemm miegħu troffa rix magħrufa bħala l-ġewnaħ falz.

Il-pala tas-saqajn u s-saqajn huma miksija bi qxur bħal tar-rettili. It-tjur qatt ma għandhom aktar minn erba' swaba. L-għasafar għandhom dwiefer b'saħħithom ħafna mal-pala ta' saqajhom li jintużaw biex jaħtfu



jaħtfu l-priża jew iżommu mal-pereċ, biex iħaffru fl-art, jew biex jiġġieldu. L-għasafar li jitperrċu jżommu d-dwiefer mibruma tajjeb flimkien mal-perċa billi jżommu saqajhom milwija l-isfel. Għalhekk dawn l-għasafar jitperrċu għal siegħat sħaħ fuq xi fergħa anke waqt li jkunu reqdin. It-tajr li jgħum għandu s-swaba ta' saqajhom magħqudin flimkien b'ġilda li tagħmilhom forma ta' mrewħa jew inkella kull sabgħa jkollu bħal ġilda tperper li toħroġ minnu stess fuq kull naħa u jkollu forma ta' werqa, li tagħmilha iktar possibli li l-għasfur jaqdef fl-ilma waqt l-għawm.

Ir-ras hija essenzjalment bħal dik tar-rettili u hija differenti ħafna mir-ras kemm tal-ħut u kemm ta' l-annimali li jreddgħu. Il-ħalq jikkonsisti fil-munqar li huwa mportanti ħafna għall-għasfur, għax bih inaqqar, jiġbor u jkisser l-ikel, iġorr, jibni l-bejta, itaqqab u jobrox, inaddaf ir-rix tal-ġwienaħ u ta' ġismu, iżoqq lill-frieħ, kif ukoll jiddefendi lilu nnifsu u l-bejta tal-frieħ. Il-munqar ivarja ħafna kemm fil-kobor u kemm fil-forma tiegħu, skond il-bżonn ta' l-ispeċi.



Ebda ħlejqa oħra fid-dinja ma għandha vista tajba daqs ta' l-għasafar. Uħud mit-tjur kapaċi jaraw u jaqbdu nsetti daqs nitfa waqt it-titjira. Oħrajn kapaċi jaraw l-priża tagħhom minn distanzi twal. Il-pożizzjoni ta' l-għajnejn fl-għasafar tvarja skond il-bżonnijiet ta' l-ispeċi.

***Il-bajd u l-bejta***

It-tajr ibid il-bajd. Dawn huma ta' daqs, kulur u għamla differenti. It-tqegħid tal-bajd mhux dejjem hu ta' l-istess ammont, hekk ukoll il-bejta mhux dejjem hi ta' l-istess għamla. Uħud mill-għasafar saħansitra anqas jibnu l-bejta tagħhom, u oħrajn jisselfu ta' oħrajn jew jisirquha. Hemm żewġ tipi ta' frieħ; dawk li, hekk kif ifaqqsu jkunu dgħajfa u għarwiena, bħall-frieħ ta' l-għasafar tal-bejt jew tad-durrajsa, u hemm l-oħrajn li jfaqqsu u jkunu b'saħħithom u bir-rix fuqhom, bħal fil-każ tal-frieħ tas-summien, li wara xi jiem jibdew jimxu u jfittxu l-ikel. Il-frieħ tal-papri jitilqu għal ġol-ilma ftit wara li jfaqqsu.

L-imġieba ta' l-għasafar hija dejjem xi ħaġa affaxxinanti minħabba d-differenzi li għandhom fil-kobor, kulur, għana u drawwiet.

## Il-Passa

Aspett importanti fl-imġieba tat-tjur hija l-passa. Fl-istaġuni tar-rebbiegħa u tal-ħarifa, qtajjiet kbar ta' għasafar ipassu min-naħa l-waħda tad-dinja għan-naħa l-oħra biex ifittxu klima aktar sħuna u l-ikel. Bosta għasafar li huma mrobbijin f'pajjiżi tat-tramuntana jpassu lejn il-pajjiżi tan-nofsinhar fil-ħarifa u jerġgħu lura fir-rebbiegħa. Xi speċi mill-Ewropa jpassu sa l-Afrika t'Isfel, fejn jgħaddu x-xhur tax-xitwa, filwaqt li speċi oħrajn jaslu biss sal-Mediterran. Hekk f'Malta, minbarra l-ispeċi lokali, ikun hawn l-għasafar tax-xitwa u dawk li jpassu fil-ħarifa u fir-rebbiegħa. Minn fuq pajjiżna għaddew madwar 370 speċi, li wħud minnhom huma rari jew għaddew minn hawn aċċidentalment.